MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 47/1976/1

**Paul Mifsud u Norman Mifsud bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' "Mifsud Brothers (Estates) Limited**

**Vs**

**Philip Toledo f'ismu propju u bhala Local Director u in rapprezentanza tas-socjeta' "N.C.r. Limited"; Albert V. Salomone u Antoine A. Salomone bhala diretturi u in rappresentanza tas-socjeta' "V.J. Salomone Business Machines Limited" u lill-Kontrollur tad-Dwana in rapprezentanza tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni presentata mis-socjeta attrici fid-19 ta' Jannar, 1976, li fiha wara li premetta illi l-atturi nomine

kienu xtraw fis-sena 1968, minghand is-socjeta' N.C.R. Limited li dak iz-zmien kienet rapprezentata f'Malta mill-konvenut Philip Toledo, cash register N.C.R. Model 21; u minghand is-socjeta' l-ohra konvenuta "V.J. Salomone Business Machines limited", zewg (2) "Hermes Typewriters", bil-prezzijiet rispettivi ta' mitejn u ghaxar liri (L210) u mija u tmienja u hamsin lira (L158) u dana il-bejgh sar bil-kondizzjoni li l-oggetti fuq imsemmija ma jkunux soggetti ghall-hlas ta' dazju, billi l-atturi nomine kienu intitolati bil-ligi li ma jhallsux dazju in konnessjoni mal-oggetti msemmija;

Illi fil-11 ta' Dicembru, 1975, il-Kontrollur tad-Dwana ottjena l-hrug minn din l-Onorabbli qorti ta' mandat ta' qbid kontra l-attur Paul Mifsud nomine ghas-somma ta' hamsa u tmenin lira maltija, tlett centezmi u sitt millezmi (LM85.03c6), allegatament skond l-istess mandat dovuta kwantu ghal wiehed u tmenin lira, u wiehed u hamsin centezmu u seba' millezmi (LM81.51c7) rapprezentanti d-dazju allegatament dovut fuq l-oggetti fuq imsemmija, u kwantu ghal tlett liri, wiehed u hamsin centezmu u disa' millezmi (LM3.51c9) drittijiet u spejjez gudizzjarji, kif ukoll ghall-ispejjez tal-istess mandat li gie debitament esegwit kontra l-atturi nomine, liema spejjez jammontaw ghal hames liri maltin (LM5);

Illi l-atturi nomine hallsu permezz ta' cheque lill-Marixxal Fava li esegwixxa l-istess mandat is-somma ta' disghin Lira Maltija, tlett centezmi u sitt millezmi (LM90.03c6) komplessivament, u dana taht protesta u biex jibqghu depozitati fil-Qorti u rrizervaw li huma jiddeducu biex jirritjenu li huma m'ghandhom ihallsu ebda dazju;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni:

i. jigi minn din il-Qorti dikjarat u deciz illi l-atturi kellhom id-dritt li jixtru u jakkwistaw minghand il-konvenuti Toledo pro et nomine u Salomone nomine l-oggetti fuq imsemmija bhala ezenti mill-hlas tad-dazju, u

ii. konsegwentement li l-konvenut Kontrollur tad-Dwana ma kellux dritt li jesegwixxi bil-mandat ta' qbid fuq imsemmi, anki ghaliex il-pretensjoni tieghu ghall-hlas tad-dazju hija preskritta skond il-ligi u ghall-ragunijiet ohra li jirrizultaw;

iii. f'kaz li jigu milqugha l-ewwel u t-tieni talba jigi dikjarat li l-atturi nomine gew aggravati bil-procedura uzata mill-Kontrollur tad-Dwana u l-istess Kontrollur tad-Dwana jigi kundannat li jhallas lill-atturi nomine in linea ta' danni skond l-art 468 tal-Kap 15 is-somma fuq imsemmija ta' disghin lira maltija, tlett centezmi u sitt millezmi (LM90.03c6);

iv. f'kaz illi jigi deciz ghall kwalunkwe raguni illi l-atturi nomine huma responsabbli ghall-hlas tad-dazju lejn il-Kontrollur tad-dwana, il-konvenut Philip Toledo proprio et nomine jigi minn din il-Qorti kkundannat jirrifondi lill-atturi nomine s-somma ta' tnejn u erbghin Lira Maltija (LM42.00c0) import tad-dazju dovut fuq l-imsemmija cash register "N.C.R" (Dok.A) u l-konvenuti Salomone nomine wkoll jigu kkundannati li jirrifondu lill-atturi nomine s-somma ta' disgha u tletin lira maltija u hamsin centezmu (LM39.50c0) (Dok.A) import tad-dazju rispettivament dovut fuq iz-zewg typewriters Hermes fuq imsemmija, b'rizerva ta' kull azzjoni ohra ghad-danni kontra ta' dawn il-konvenuti Toledo pro et nomine u Salomonoe nomine, u dana prevja okkorrendo dikjarazzjonijiet li kemm il-konvenut Toledo pro et noe u l-konvenuti Salomonoe nomine ma osservawx il-kondizzjonijiet tal-bejgh fuq imsemmija u cioe' li l-atturi nomine xtraw l-oggetti fuq imsemmija bhala ezenti mid-dazju.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Ecezzjonijiet ta' Albert V.Salamone u Antonie A.Salamone nomine li in forza taghha is-socjeta' V.J. Salamone Business Machines Limited eccepiet illi:

1. In linea preliminari li d-dritt tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-hlas tad-dazju huwa preskritt.

2. Illi subordinatament l-eccipjenti segwixxxa pratika kostanti u ghalhekk id-dazju ma kienx dovut.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Ecezzjonijiet tal-konvenut Philip Toledo f'ismu propju u bhala Local Director in rappresentanza tas-socjeta' N.C.R. Limited li in forza taghha ecepixxa illi:

1. L-azzjoni tal-atturi kif maghmula hija rritwali peress li l-krediti pretizi kontra l-eccipjenti u kontra l-konvenut Salomone Nomine huma distinti u separati u ghalhekk ic-citazzjoni kif maghmulha kontra z-zewg konvenuti fl-istess kawza ma hijiex proceduralment permissibbli u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-eccipjent ma ghandux relazzjonijiet legali mal-atturi nomine tant ghaliex personalment qatt ma nnegozja mas-socjeta' attrici kif ukoll ghaliex bhala rapprezentant tas-societa' “N.C.R. Limited” in-negozji li ghamel ghamilhom mal-“Cavalieri Hotel” u mhux mas-socjeta' “Mifsud Brothers (Estates) Limited”.

3. Illi minghajr pregudizzju taz-zewg eccezzjonijiet precedenti, l-eccipjent ma huwa obbligat ihallas ebda ammont lis-societa' attrici.

4. Illi l-azzjoni tal-atturi nomine fil-konfront tal-eccipjent hija preskritta ghat-tenur tal-Artiklu 2261 (f) tal-Kodici Civili.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Ecezzjonijiet tal-konvenut Kontollur tad-Dwana li in forza taghha ecepixxa illi:

1. Preliminarjament, kif jammettu l-istess atturi fic-citazzjoni taghhom billi l-ammont ta' Lm90.03,6 li l-atturi hallsu lil Marixxal ta' din il-Qorti in segwitu tal-

mandat esekuttiv tal-konvenut tal-11 ta' Dicembru, 1975, kien gie depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti b'riserva ta' l-atturi li huma jiddeducu biex jirritjenu li huma m'ghandhomx ihallsu ebda dazju, u billi l-atturi naqsu li jiddeducu fiz-zmien ta' hmistax-il gurnata kif preskritt mill-artikolu 943 tal-Procedura Civili, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda.

2. Bla pregudizzju tal-premess, fil-mertu t-talbiet tal-atturi ink wantu jirreferu ghall-esenzjoni tal-hlas ta' dazju u rifuzjoni ta' dazju imhallas mill-atturi fuq il-*cash register* u t-*typewriters* imsemmija fic-citazzjoni ghandhom jigu michuda ghaliex l-ezenzjoni tad-dazju li nghatat taht l-Ordinanza dwar l-ghajnuniet tal-Industriji kienet taht kondizzjoni li dak l-apparat ikun jinstab il-hin kollu fil-Cavalieri Hotel, mentri fil-fatt irrizulta minn spezzjoni li saret minn ufficjali tal-konvenut, li l-*cash register* u t-*typerwriters* partikolari li fuqhom harget l-ezensjoni ma kienux jinstabu f'dak il-Hotel. Ghalhekk l-atturi, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ma ottemperawx ruhhom mal-kondizzjonijiet imposti beix jigu ezentati mill-hlas tad-dazju u l-konvenut in bazi ghad-dritt li ghandu ghall-hlas ta' l-istess dazju ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid esekuttiv skond il-ligi.

3. Ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' N.C.R. Limited giet minnha rtirata fis-seduta tal-4 ta' Frar, 1977;

Rat in-Nota tal-Ecezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Albert V.Salomone u Antoine Salomone in rappresentanza tas-socjeta' V.J. Salomone Business Machines Limited li in forza taghha eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-konfront taghhom taht l-artikolu 2261(f) tal-Kodici Civili;

Rat id-dikjarazzjoni relattiva;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, is-socjeta' attrici, li kienet tmexxi negozju fil-lukanda Cavalieri, gewwa San Giljan, kienet akkwistat il-permess minghand l-awtoritajiet kompetenti biex timporta certu *equipment* ghal-lukanda minghajr ma thallas dazju, u dan taht l-*Aids to Industries Ordinance* tal-1959. L-ordni relattiva ta' esenzjoni mid-dazju harget fid-29 ta' Novembru, 1967, u ma' dik l-ordni giet annessa l-lista tal-oggeti li kellhom jigu mportati ezenti mid-dazju. Fost dawn l-oggetti kien hemm "National" *cash register* numru 8-8303869 (li importat tramite s-socjeta' konvenuta N.C.R. Limited), u zewg *typewriters* tal-marka "Hermes", bin-numri 1043789 u 1043790 (li mpurtat tramite s-socjeta' konvenuta V.J. Salamone Business Machines Limited). Din l-esenzjoni mill-hlas ta' taxxa inghatat bil-kundizzjoni li l-oggetti mixtrija jkunu il-hin kollu fil-lukanda u jintuzaw in konessjoni man-negozju tal-lukanda.

Jirrizulta li wara li saret spezzjoni mill-Ufficjal tad-Dwana fil-lukanda Cavalieri, instab li dawk il-magni qabel indikati ma kienux fil-lukanda. Id-dirigenti tal-lukanda gew avvzati b'dan in-nuqqas, u dawn tefghu t-tort fuq is-*suppliers* li, skond huma, ipprovdew lill-Ufficjali tad-Dwana b'dikjarazzjonijiet foloz jew zbaljati. Irrizulta li fil-waqt li s-socjetajiet konvenuti Toledo u Salamone infurmaw lid-Dwana bil-magni moghtija ghal-lukanda, fid-dokumenti li ppresentaw indikaw *serial number* li ma kienx jaqbel mal-magni li ddahlu fil-lukanda, bir-rizultat li meta l-Ufficjali tad-Dwana marru jfittxu l-magni bis-*serial numbers* indikat lilhom mis-*suppliers*, ma sabuhomx fil-lukanda. Ghalhekk, id-Dwana talbet il-hlas tad-dazju dovut fuq dawk il-magni li kellhom jintuzaw ghal-htigijiet tal-lukanda, izda li ma kienux fuq is-sit. Il-mili tad-dokumenti ghad-Dwana kellu jsir mis-*supplier*, u peress li dawn indikaw *serial number* zbaljat, il-lukanda kellha thallas dazju, li issa trid tirkupra

mis-*suppliers* infisshom li kienu responsabbli ghall-izball. Fil-fatt, is-socjeta’ attrici qed tipprova tirkupra Lm42 minghand is-socjeta’ N.C.R. Limited (ta’ Philip Toledo) u Lm39.50 minghand is-socjeta’ V.J. Salamone Business Machines Ltd. Din ir-rifusjoni minghand il-konvenuti qed tintalab f’kaz li l-Qorti tikkonferma li, fl-ewwel lok, il-Kontrollur tad-Dwana kien gustifikat jitlob il-hlas tad-dazju kif fil-fatt ghamel.

L-ewwel eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana tallacca ruhha mal-applikazzjoni ta’ l-artikolu 944 tal-Kap.12. Qed jigi allegat li, wara l-hrug tal-Mandat ta’ Qbid in kwistjoni, meta l-Marixall tal-Qorti ittenta jeleva xi oggetti mil-lukanda in esekuzzjoni tal-Mandat, id-dirigenti tal-lukanda, biex jevitaw l-elevazzjoni, taw il-flus mitluba lill-Marixall, bl-istruzzjoni li dak il-hlas kien qed isir bla pregjudizzju u li, allura, ma kellhomx jinghataw lill-kreditur, izda kellhom jigu depositati l-Qorti biex jibqghu hemm depositati sakemm it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana tigi mistharga fi proceduri li kellhom jigu istitwti. Fil-fatt, il-Marixall ezekutant mexa skrupulusament b’din il-procedura.

Issa, l-artikolu 944(2) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili jiddisponi illi:

*“Izda, meta d-depozitu jkun sar mill-marixall jew minn ufficjal esekutur iehor illi f’idejh, fil-waqt ta’ esekuzzjoni ta’ mandat mahrug bis-sahha ta’ sentenza jew ta’ titolu esekuttiv iehor, id-debitur ikun qieghed is-somma msemmija fil-mandat, kollha jew bicca minnha, bil-kondizzjoni li din is-somma ghandha tigi ddepozitata, il-kreditur esekutant ikun jista’ jizbanka, fuq talba tieghu bil-miktub jew bil-fomm, kemm-il darba d-debitur, fi zmien hmistax-il gurnata mill-esekuzzjoni tal-mandat, ma jgibx ‘il quddiem, b’citazzjoni, ir-ragunijiet tieghu li ghalihom dik is-somma m’ghandhiex, kollha jew bicca minnha, tigi zbankata mill-kreditur.”*

Jirrizulta, li s-socjeta’ attrici ma resqitx il-pretensjoni taghha fi zmien hmistax-il gurnata mill-esekuzzjoni tal-Mandat u, kwindi, qed jigi allegat li t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda.

Dan l-artikolu, pero’ ma jipprovdix ghac-cahda tat-talba attrici f’kaz li ma tigix dedotta fi zmien hmistax-il gurnata, izda li s-somma depositata tista’ tigi zbankata mill-kreditur esekutant. Dan l-izbank il-Kontrollur tad-Dwana kien fid-dritt li jitolbu darba li l-kawza ma gietx intavolata fi zmien hmistax-il gurnata, pero’, il-persuna milquta jibqaghlha xorta wahda d-dritt li tipprova tatakka l-hrug tal-Mandat esekuttiv relattiv u, jekk tirnexxi fl-azzjoni, li titlob ir-rifusjoni tal-flus depositati u zbankati. Kwindi dik l-ewwel eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana qed tigi michuda.

Min-naha l-ohra, fir-rigward tas-sottomissjoni tal-Kontrollur tad-Dwana fil-meritu, din il-Qorti ghandha dan xi tghid.

Fil-fatt, irrizulta li kien gie koncess mil-konvenut, taht l-Ordinanza dwar l-Ghajnuniet lill-Industriji li n-*National Cash Register* (*serial number* 8-8383869) u zewg *Hermes Ambassador typewriters* (*serial numbers* 1043789 u 1043790) jigu ezentati mill-hlas ta’ dazju bil-kundizzjoni li jkunu l-hin kollu fil-Cavalieri Hotel; sussegwentement ghal dik l-ezenzjoni kienu marru fl-istess Hotel ufficjali tal-konvenut biex jaghmlu spezzjoni u irrizultalhom li dawk il-makni ma kienux f’dak il-Hotel. Ghaldaqstant wahda mil-kundizzjonijiet li tahthom kien inghata l-ezenzjoni tad-dazju giet miksura u l-konvenut talab il-hlas tad-dazju dovut. Meta l-atturi irrifjutaw li jhallsu d-dazju, il-konvenut agixxa skond il-ligi ghal-hlas tad-dazju.

Il-konvenut Kontrollur tad-Dwana, kien, kwindi, gustifikat li agixxa bil-mod li agixxa, u jekk sar zball da parti tas-*suppliers*, ghal dak l-izball iridu jwiegbu l-istess *suppliers*, izda l-Kontrollur tad-Dwana mexa korrettament fil-limiti tal-poteri li taghtih il-ligi. Bhala fatt, jirrizulta li l-esenzjoni mil-hlas tad-dazju intalbet u inghatat fuq magni partikolari u b’*serial number* partikolari; dawn ma nstabux fil-lukanda waqt spezzjoni, u kwindi d-dazju kellu jithallas.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fil-kuntest tad-dritt tal-Kontrollur tad-Dwana ghal-hlas tad-dazju, u dan a bazi tal-artikolu 2149(e) (allura l-artikolu 2254(e)) tal-Kodici Civili, jinghad li fil-waqt li hu minnu li

dak l-artikolu jiddisponi li l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' dazji u taxxi ohra, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn, l-artikolu 2125(a) tal-istess Kodici Civili jiddisponi li l-prekrizzjoni hija sospiza kwantu ghall-jeddijiet kondizzjonali, u dan sakemm il-kondizzjoni ma ssehhx. Fil-kaz in ezami, id-dritt tal-Kontrollur tad-Dwana li jigbor id-dazju fuq dawk il-magni kien sospiz dment li dawk il-magni jibqghu fil-lukanda, u d-dritt tieghu li jigbor id-dazju skatta biss minn dakinhar li l-oggetti ma baqghux aktar fil-lukanda.

F'dan il-kaz jirrizulta li l-magni in kwistjoni qatt ma ddahlu fil-lukanda Cavalieri u l-kondizzjoni relattiva ghall-uzu tal-magni fil-lukanda tkissret, tista' tghid, mil-ewwel gurnata tax-xiri, u cioe', fis-sena 1968, ferm aktar minn sentejn qabel il-hrug tal-Mandat ta' Qbid fil-11 ta' Dicembru, 1975. Kull terminu ta' preskrizzjoni, kif inhu risaput, jibda jiddekorri minn meta l-ammont ikun, fil-fatt, dovut, u cioe', mid-data tal-vjolazzjoni, li hu fatt oggettiv, u mhux minn meta l-kreditur isir jaf li l-ammont hu jew jista' jkun dovut (ara "Micallef vs Agius", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000, u "Harwood vs Aquilina" deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2003).Fuq kollox anke jekk it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jidekorri minn meta l-Kontrollur tad-Dwana sar jaf bil-ksur tal-kundizzjoni, it-terminu preskritt ta' sentejn xorta wahda jkun jirrizulta li ddekorra. Irrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana kien jaf bic-cirkostanzi, zgur f'Novembru tal-1970, meta kiteb lill-lukanda ghal-hlas tad-dazju. Il-Mandat hareg fil-11 ta' Dicembru, 1975, meta kienu skadew aktar minn hames snin miz-zmien tal-konoxxenza tal-fatt tal-ksur tal-kundizzjoni. Kwindi il-perjodu koncess lill-Gvern ghal-hlas tad-dazju relattiv ghandu jitqies preskritt bl-applikazzjoni tal-artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi previa li tilqa' l-ewwel tlett talbiet tas-socjeta attrici, tiddikjara li l-pretensjoni tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-hlas tad-dazju hija preskritta skond il-ligi (preskrizjoni invokata ukoll mis-socjeta konvenuta V.J Salamone Business Machines Limited) u, ghalhekk, tikkundanna lill-Kontrollur tad-Dwana jirrifondi lis-socjeta

attrici s-somma ta’ Lm90.04 (disghin Liri Maltin u erba’ centezmi), bl-imghaxijiet legali – la darba ma ntalab ebda provvediment specifiku fir-rigward jibdew jiddekorru millum.

L-ispejjes tal-kawza, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, b’dan li l-ispejjez tas-socjeta’ attrici ghandhom jithallsu mill-Kontrollur tad-Dwana.

--------------------------------TMIEM--------------------------------